SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

28 ta' April 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 132(1)(i) – Eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali – Eżenzjonijiet marbuta mal-edukazzjoni tat-tfal jew taż-żgħażagħ, mat-tagħlim skolastiku jew universitarju – Provvista ta' servizzi edukattivi komplimentari għall-programm skolastiku – Organu rregolat mid-dritt privat li jipprovdi dawn is-servizzi għal finijiet kummerċjali"

Fil-Kawża C-612/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunalul Cluj (il-Qorti tal-Kontea ta' Cluj, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Novembru 2020, fil-proċedura

Happy Education SRL

vs

Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca,

Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Rodin (Relatur), President tal-Awla, J.-C. Bonichot u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Happy Education SRL, minn A. Manole, avocat,

– għall-Gvern Rumen, minn E. Gane u L.-E. Baţagoi, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u A. Armenia, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 132(1)(i) kif ukoll tal-Artikoli 133 u 134 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Happy Education SRL minn naħa u Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca (id-Direttorat Ġenerali Reġjonali tal-Finanzi Pubbliċi ta' Cluj-Napoca, ir-Rumanija) u l-Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj (l-Amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Finanzi Pubbliċi ta' Cluj, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"awtoritajiet fiskali") dwar ir-rifjut tal-awtoritajiet fiskali li jeżentaw mit-taxxa tal-valur miżjud (VAT) il-provvista ta' tagħlim komplimentari għall-programm skolastiku pprovduti minn Happy Education.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 It-Titolu IX tad-Direttiva 2006/112, intitolat, "Eżenzjonijiet", jinkludi, b'mod partikolari, il-Kapitolu 2, dwar "[e]żenzjonijet għal ċertu attivitajiet fl–interess pubbliku", li fih jinsab l-Artikolu 132 ta' din id-direttiva, li l-paragrafu 1 tagħha huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

i) il-provvista ta' edukazzjoni tat-tfal jew taż-żgħażagħ, edukazzjoni skolastika jew universitarja, taħriġ vokazzjonali jew taħriġ mill-ġdid, inkluża l-provvista ta' servizzi u ta' merkanzija li hija relatata mill-qrib magħhom, minn korpi regolati mid-dritt pubbliku li jkollhom dan bħala l-għan tagħhom jew minn organizzazzjonijiet oħrajn rikonoxxuti mill-Istat Membru konċernat bħala li għandhom oġġetti simili;

[…]"

4 L-Artikolu 133 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistagħu jagħmlu l-għoti lil korpi għajr dawk regolati mid-dritt pubbiku ta' kull eżenzjoni pprovduta fil-punti (b), (g), (h), (i), (l), (m) u (n) tal-Artikolu 132(1) soġġett għal kull każ individwali għal wieħed jew iżjed mill-kondizzjonijet li ġejjin:

a) il-korpi in kwistjoni m'għandhomx jimmiraw sistemikament biex jagħmlu profitt, u kwalunkwe ammonti żejda li mandanakollu jirriżultaw m'għandhomx jiġu mqassma, imma għandhom ikunu assenjati għall-kontinwament u għat-titjib tas-servizzi pprovduti;

b) dawn il-korpi għandhom ikunu mmaniġjati u amministrati fuq bażi essenzjalment volontarja minn persuni li m'għandhomx interess dirett jew indirett, jew huma nfushom jew b'intermedji, fir-riżultati ta' l-attivitajiet ikkonċernati;

ċ) dawn il-korpi għandhom iżommu prezzijiet approvati mill-awtoritajiet pubbliċi jew li ma jeċċedux it-tali prezzijiet approvati jew, fir-rigward ta' dawk is-servizzi li m'humiex soġġetti għall-approvazzjoni, prezzijiet inqas minn dawk miżmuma għal servizzi simili minn impriżi kummerċjali soġġetti għall-VAT;

d) l-eżenzjonijiet m'għandhomx joħoolqu l-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bi żvantaġġ għal impriżi kummerċjali soġġetti għall-VAT.

[…]"

Id-dritt Rumen

5 L-Artikolu 292, intitolat "Eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali u eżenzjonijiet favur attivitajiet oħra", tal-Legea nr. 227/2015 privind Codul fiscal (il-Liġi Nru 227/2015 li tistabbilixxi l-Kodiċi tat-Taxxa) tat-8 ta' Settembru 2015 (*Monitorul Oficial al României*, parti I, Nru 688 tal-10 ta' Settembru 2015) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tat-Taxxa"), jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"It-tranżazzjonijiet li ġejjin, li huma ta' interess ġenerali, huma eżenti mit-taxxa:

[…]

f) l-attività ta' tagħlim prevista mil-Liġi dwar l-edukazzjoni nazzjonali Nru 1/2011, kif emendata u kkompletata, it-taħriġ professjonali tal-adulti kif ukoll il-provvista ta' servizzi u l-kunsinna ta' oġġetti marbuta mill-qrib ma' dawn l-attivitajiet, imwettqa minn stabbilimenti pubbliċi jew minn entitajiet oħra approvati. L-eżenzjoni għandha tingħata skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-istandards metodoloġiċi;

[…]"

6 Il-Hotărârea Guvernului nr. 1/2016 pentru aprobarea normelor metodologice de aplicare a Legii nr. 227/2015 privind Codul fiscal (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1/2016 għall-approvazzjoni tan-normi metodoloġiċi ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 227/2015 dwar il-Kodiċi tat-Taxxa), tas-6 ta' Jannar 2016 (*Monitorul Oficial al României*, parti I, Nru 22 tat-13 ta' Jannar 2016), jistabbilixxi, fil-Kapitolu IX, intitolat "Tranżazzjonijiet eżenti mit-taxxa", fit-Taqsima 1, punt 42:

"1. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 292(1)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa għat-taħriġ professjonali għall-adulti tapplika għall-persuni awtorizzati għal dan il-għan konformement mad-Digriet tal-Gvern Nru 129/2000 dwar it-taħriġ professjonali għall-adulti, ippubblikat mill-ġdid, kif emendat u kkompletat sussegwentement, għall-persuni awtorizzati għat-taħriġ professjonali tal-persunal aeronawtiku ċivili tal-ekwipaġġ tal-ajru previst mil-Legea nr. 223/2007 privind statutul personalului Aeronautic civil navigant professionnel navigation civile aviaia (il-Liġi Nru 223/2007 dwar regolamenti tal-persunal aeronawtiku ċivili tal-ekwipaġġ tal-ajru professjoni tal-avjazzjoni ċivili Rumenam kif emendata u kkompletata, kif ukoll għall-Aġenzija Nazzjonali tal-Uffiċjali Pubbliċi għall-Attività ta' Perfezzjonament Professjonali. Huma wkoll eżenti s-servizzi ta' formazzjoni professjonali pprovduti minn forniturі ta' taħriġ professjonali fuq il-bażi tal-kuntratti ta' sħubija konklużi mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Uffiċjali Pubbliċi abbażi tal-Artikolu 23 tal-Hotărârea Guvernului nr. 1066/2008 pentru aprobarea normelor privind formarea profesională a funcționarilor publici (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1066/2008 li tapprova r-regoli dwar it-taħriġ professjonali tal-membri tal-persunal pubbliku).

[…]

3. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 292(1)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa tapplika wkoll għall-provvisti ta' oġġetti u servizzi li għandhom rabta mill-qrib ma' servizzi edukattivi, bħall-bejgħ ta' manwali skolastiċi, l-organizzazzjoni ta' konferenzi marbuta mal-attività ta' tagħlim, imwettqa minn stabbilimenti pubbliċi jew minn entitajiet oħra approvati għall-attivitajiet ta' tagħlim jew għat-taħriġ professjonali ta' adulti, il-provvista ta' servizzi ta' eżami sabiex jinkiseb aċċess għas-servizzi edukattivi jew ta' taħriġ professjonali ta' adulti.

[…]"

7 Il-Legea educației naționale nr. 1/2011 (il-Liġi dwar l-Edukazzjoni Nazzjonali Nru 1/2011), tal-5 ta' Jannar 2011 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 18 tal-10 ta' Jannar 2011, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Edukazzjoni Nazzjonali") tirregola, skont l-Artikolu 1 tagħha, l-istruttura, il-funzjonijiet, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-sistema nazzjonali ta' edukazzjoni pubblika, privata u reliġjuża.

8 L-Artikolu 58 tal-Liġi dwar l-edukazzjoni nazzjonali, dwar il-programm "Skola wara l-iskola", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-istabbilimenti edukattivi jistgħu, b'deċiżjoni tal-bord tad-diretturi, jestendu l-attivitajiet tagħhom mal-istudenti wara l-ħinijiet tal-lezzjonijiet, permezz ta' programmi "Skola wara l-iskola".

2. Bi sħubija mal-awtoritajiet pubbliċi lokali u l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, il-programm "Skola wara l-iskola" joffri attivitajiet edukattivi, rikreattivi, ta' divertiment, sabiex jissaħħu l-kompetenzi miksuba jew sabiex jitħaffef it-tagħlim, kif ukoll attivitajiet ta' aġġornament. Meta dan ikun possibbli, is-sħubija tista' tiġi konkluża ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi li għandhom kompetenzi fil-qasam.

3. Il-programmi “Skola wara l-iskola” huma organizzati abbażi ta’ metodoloġija approvata permezz ta’ digriet tal-Ministru tal-Edukazzjoni, tar-Riċerka, taż-Żgħażagħ u tal-Isport.

4. L-Istat jista’ jiffinanzja l-programm “Skola wara l-iskola” għat-tfal u għall-istudenti li jagħmlu parti mill-gruppi żvantaġġati, skont il-liġi.”

9 L-organizzazzjoni tal-programm “Skola wara l-iskola” hija rregolata bil-Metodologia de organizare a programului “Şcoala după şcoală”, aprobată prin Ordinul ministrului educației, cercetării, tineretului şi sportului nr. 5349 (il-metodoloġija għall-organizzazzjoni tal-programm “Şcoala după şcoală”, approvat permezz ta’ ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni, tar-Riċerka, taż-Żgħażagħ u tal-Isport, iktar ’il quddiem, il-“metodoloġija għall-organizzazzjoni tal-programm ‘Skola wara l-iskola’”).

10 Il-metodoloġija tal-organizzazzjoni tal-programm “Skola wara l-iskola” tipprovdi, fl-Artikolu 2 tagħha:

“1. Il-programm, “Skola wara l-iskola”, iktar ’il quddiem il-“programm SDS”, huwa programm komplementari għall-programm skolastiku obbligatorju, li joffri possibbiltajiet ta’ tagħlim formali u informali għall-konsolidazzjoni tal-kompetenzi, ta’ aġġornament u ta’ aċċelerazzjoni tat-tagħlim permezz ta’ attivitajiet edukattivi, rikreattivi u ta’ divertiment.

2. Il-programm SDS huwa indirizzat kemm għall-istudenti tat-tagħlim primarju kif ukoll għall-istudenti tat-tagħlim sekondarju.

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Happy Education hija kumpannija kummerċjali Rumena li tipprovdi servizzi ta’ tagħlim li jikkonsistu fl-organizzazzjoni ta’ attivitajiet komplimentari għall-programm skolastiku, bħalma huma korsijiet ta’ sostenn għax-xogħol tad-dar, programmi edukattivi, korsijiet ta’ lingwi barranin u tal-arti, attivitajiet sportivi, ġbir skolastiku tat-tfal mill-iskola u l-provvista ta’ ikliet wara l-attivitajiet skolastiċi.

12 Dawn l-attivitajiet jikkorrispondu għal dawk li jagħmlu parti mill-programm “Şcoala după şcoală” (“Skola wara l-iskola”), kif stabbilit, b’mod partikolari, mill-metodoloġija ta’ organizzazzjoni tal-programm “Skola wara l-iskola” (iktar ’il quddiem il-“programm ‘Skola wara l-iskola’”).

13 It-tfal li jipparteċipaw fih huma rreġistrati fid-diversi skejjel li jinstabu f’Cluj-Napoca (ir-Rumanija).

14 Fil-kuntest tal-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet Ekonomiċi Nazzjonali (CAEN), li skontu kull kumpannija kummerċjali u persuna fiżika awtorizzata fir-Rumanija hija obbligata tikklassifika l-għanijiet tagħha għal finijiet, b’mod partikolari, statistiċi, l-attivitajiet ta’ Happy Education jaqgħu taħt il-kodiċi CAEN 8559 – “Forom oħra edukattivi”.

15 Wara kontroll fiskali relatat mal-VAT, li jirrigwarda l-perijodu bejn l-1 ta’ Awwissu 2016 u l-31 ta’ Diċembru 2017, id-dipartiment ta’ kontroll tal-awtoritajiet fiskali kkonstata li, fix-xahar ta’ Lulju 2016, id-dħul mill-bejgħ ta’ Happy Education kien qabeż il-limitu tad-dħul mill-bejgħ li

taħtu l-impriżi ż-żgħar jibbenefikaw, skont il-Kodiċi tat-Taxxa, minn eżenzjoni mill-VAT. Konsegwentement, dawn l-awtoritajiet ikkunsidraw li Happy Education kellha tidentifika ruħha għall-VAT mix-xahar ta' Awwissu 2016 u imponewlha l-ħlas ta' ammont li jirrappreżenta l-VAT għall-perijodu previst.

16 Fil-11 ta' Ġunju 2018, din il-kumpannija ressqet ilment amministrattiv kontra din id-deċiżjoni ta' tassazzjoni, fejn sostniet, b'mod partikolari, li t-tranżazzjonijiet li hija kienet twettaq kienu jirrappreżentaw provvista ta' servizzi marbuta strettament tal-attività tat-tagħlim, prevista mill-Liġi dwar l-edukazzjoni nazzjonali, b'tali mod li kienu eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 292(1)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa. L-awtoritajiet fiskali osservaw, b'mod partikolari, li Happy Education ma kinitx awtorizzata sabiex tipprovdi servizzi fil-kuntest tal-programm "Skola wara l-iskola" intiż għall-istudenti.

17 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Settembru 2018, id-dipartiment tal-ipproċessar tal-ilmenti Nru 1 tal-awtoritajiet fiskali ċaħad dan l-ilment amministrattiv, minħabba li l-attivitajiet eżerċitati minn Happy Education ma kinux jagħmlu parti mis-sistema nazzjonali ta' tagħlim u ma kinux awtorizzati skont ir-regoli metodoloġiċi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 292(1)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa.

18 Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni minn Happy Education, it-Tribunalul Cluj (il-Qorti tal-Kontea ta' Cluj, ir-Rumanija) tosserva li l-għan soċjali tal-attivitajiet eżerċitati minnha kien ingħata, mal-ħolqien tal-kumpannija, il-kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", u għal din ir-raġuni din il-kumpannija qieset li ma kienx hemm lok li jinkisbu opinjonijiet addizzjonali sabiex is-servizzi pprovduti fil-kuntest ta' dan l-għan soċjali jiġu kklassifikati fil-kategorija tat-tranżazzjonijiet eżentati mill-VAT, b'applikazzjoni tal-Artikolu 292(1)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa.

19 Il-qorti tar-rinviju ssostni, madankollu, li, fid-dawl tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari ta' din id-dispożizzjoni, is-servizzi proposti minn Happy Education ma humiex eżentati, sa fejn din ma pprovatx il-konklużjoni ta' sħubija ma' istituzzjoni ta' tagħlim għall-implementazzjoni ta' proġett fil-kuntest tal-programm "Skola wara l-iskola".

20 Din il-qorti tqis, madankollu, li Happy Education tista' tinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112.

21 F'dan ir-rigward, Happy Education issostni li s-servizzi li hija tipprovdi lill-istudenti jinkludu attivitajiet ta' trażmissjoni ta' konoxxenzi kemm prattiċi kif ukoll teoretiċi, skont il-programm skolastiku nazzjonali, li huma neċessarji sabiex jiġi approfondit l-għarfien miksub mill-istudenti fil-kuntest tal-korsijiet mogħtija fl-istabbilimenti ta' tagħlim. L-għan ta' dawn l-attivitajiet ma huwiex għalhekk purament rikreattiv, iżda huwa prinċipalment iffokat fuq it-twettiq tax-xogħol tad-dar u l-konsolidazzjoni tal-għarfien miksub matul is-sigħat ta' lezzjonijiet segwiti fl-istabbilimenti ta' tagħlim tas-sistema nazzjonali.

22 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tidher li tqis li l-attività ta' Happy Education taqa' taħt il-kunċett ta' "edukazzjoni skolastika jew universitarja", fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112.

23 Hija għandha, iżda, dubji dwar il-fatt li Happy Education tissodisfa l-kriterji l-oħra stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, sa fejn ma huwiex ċert li hija tista' tiġi pperċepita bħala "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, peress li hija għandha biss l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-eżerċizzju

tal-attivitajiet edukattivi identifikati mill-Kodiċi CAEN 8559, peress li din l-awtorizzazzjoni ma hijiex madankollu kkunsidrata, fid-dritt nazzjonali, bħala li hija suffiċjenti sabiex l-organu jkun eliġibbli għall-eżenzjoni mill-VAT.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunalul Cluj (il-Qorti tal-Kontea ta' Cluj) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 132(1)(i), l-Artikolu 133 u l-Artikolu 134 tad-[Direttiva 2006/112], għandhom jiġu interpretati fis-sens li servizzi edukattivi bħal dawk li jinsabu fil-programm nazzjonali "Școala după școală" (Skola wara l-iskola) jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "servizzi marbuta mill-qrib mal-edukazzjoni skolastika" meta jiġu pprovduti, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, minn organu privat, għal skopijiet kummerċjali u fl-assenza ta' sħubija konkluża ma' stabbiliment edukattiv?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, ir-rikonoxximent tar-rikorrenti bħala "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, jista' jirriżulta minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali relatati mal-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet identifikati bil-kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi" mill-Oficiul Național al Registrului Comerțului (l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ), kif ukoll min-natura ta' interess ġenerali tal-attivitajiet ta' programmi edukattivi tat-tip "Skola wara l-iskola", li għandhom l-għan li jipprevjenu t-tluq mill-iskola u t-tluq bikri mill-iskola, li jżidu l-prestazzjoni fl-iskola, li jtejbu l-edukazzjoni ta' dawk li jibqgħu lura, u li jħaffu t-tagħlim, l-iżvilupp personali u l-integrazzjoni soċjali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tieni domanda

25 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku għall-edukazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, entità privata li teżerċita attivitajiet ta' tagħlim ta' interess ġenerali li jikkonsistu, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet komplementari għall-programm skolastiku, bħalma huma korsijiet ta' sostenn għax-xogħol tad-dar, programmi edukattivi, korsijiet ta' lingwi barranin u li kisbet awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, fil-forma tal-għoti tal-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", fis-sens tal-Kodiċi ta' Klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi nazzjonali.

26 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 132 tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi eżenzjonijiet li, kif jindika t-titolu ta' dan il-kapitolu li taħtu jaqa' dan l-artikolu, għandhom bħala għan li jiffavorixxu ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali. Madankollu, dawn l-eżenzjonijiet ma jikkonċernawx l-attivitajiet ta' interess ġenerali kollha, iżda biss dawk li huma elenkati u deskritti b'mod iddettaljat (sentenzi tal-4 ta' Mejju 2017, Brockenhurst College, C-699/15, EU:C:2017:344, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-14 ta' Marzu 2019, A & G Fahrschul-Akademie, C-449/17, EU:C:2019:202, punt 17).

27 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija eżenzjonijiet jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni li għandhom bħala għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor (sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2017, The English Bridge Union, C-90/16, EU:C:2017:814, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Ottubru 2021, Dubrovin & Tröger – Aquatics, C-373/19, EU:C:2021:873, punt 21.

28 It-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati b'mod strett, peress li dawn jikkostitwixxu derogi għall-prinċipju ġenerali, li jirriżulta mill-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li jipprevedi li l-VAT għandha tinġabar fuq kull servizz ipprovdut bi ħlas minn persuna taxxabbli. Madankollu, din ir-regola ta' interpretazzjoni stretta ma tfissirx li t-termini użati għad-definizzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-imsemmi Artikolu 132 għandhom jiġu interpretati b'mod li dawn jiġu mċaħħda mill-effett tagħhom (sentenzi tal-4 ta' Mejju 2017, Brockenhurst College, C-699/15, EU:C:2017:344, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata kif ukoll tal-21 ta' Ottubru 2021, Dubrovin & Tröger – Aquatics, C-373/19, EU:C:2021:873, punt 22).

29 Għandu jiġi rrilevat, b'mod iktar partikolari, li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 jirriżulta li l-eżenzjoni li hija msemmija f'din id-dispożizzjoni hija suġġetta, essenzjalment, għal żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, minn naħa, dik, relatata man-natura tas-servizz ipprovdut, kemm jekk ikunu provvisti ta' edukazzjoni tat-tfal jew taż-żgħażagħ, tagħlim skolastiku jew universitarju, taħriġ jew aġġornament professjonali jew ta' provvisti "relatati mill-qrib" ma' dawn il-provvisti u, min-naħa l-oħra, dik relatata mal-fornitur tas-servizz provdut, kemm jekk l-imsemmija provvisti jkunu mwettqa "minn korpi regolati mid-dritt pubbliku […] jew minn organizzazzjonijiet oħrajn rikonoxxuti mill-Istat Membru konċernat bħala li għandhom oġġetti simili" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, MDDP, C-319/12, EU:C:2013:778, punt 35, kif ukoll tal-4 ta' Mejju 2017, Brockenhurst College, C-699/15, EU:C:2017:344, punt 26).

30 Fir-rigward tat-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, meta entità ma tikkostitwixxix organu rregolat mid-dritt pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, kif jidher li huwa l-każ ta' Happy Education fil-kawża prinċipali, il-provvisti tagħha jistgħu jiġu eżentati mill-VAT skont din id-dispożizzjoni biss sa fejn din taqa' taħt il-kunċett ta' "organizzazzjoni rikonoxxuta li għandha skopijiet simili mill-Istat Membru kkonċernat", imsemmi fit-tieni domanda preliminari.

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sa fejn l-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 ma jippreċiżax il-kundizzjonijiet jew il-modalitajiet li bihom dawn l-iskopijiet simili jistgħu jiġu rrikonoxxuti, fil-prinċipju, huwa d-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi r-regoli li permezz tagħhom dan ir-rikonoxximent jista' jiġi mogħti lil dawn l-organi. L-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2005, Kingscrest Associates u Montecello, C-498/03, EU:C:2005:322, punti 49 u 51, kif ukoll tat-28 ta' Novembru 2013, MDDP, C-319/12, EU:C:2013:778, punt 37).

32 Barra minn hekk, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jeżaminaw jekk l-Istati Membri, meta jimponu dawn il-kundizzjonijiet, ma jkunux kisru l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li fil-qasam tal-VAT, jissarraf fil-prinċipju ta' newtralità fiskali (sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, MDDP, C-319/12, EU:C:2013:778, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li dan ir-rikonoxximent, bħala organizzazzjoni li għandha skopijiet simili għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku ta' edukazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, isir, fid-dritt Rumen, fir-rigward tal-entitajiet privati, bħal Happy Education, li joffru attivitajiet ta' tagħlim tat-tip "Skola wara l-iskola", prinċipalment bil-konklużjoni ta' sħubija ma' stabbiliment ta' tagħlim fil-kuntest tal-programm "Skola wara l-iskola", b'konformità mal-Artikolu 58 tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Metodoloġija tal-Organizzazzjoni tal-Programm "Skola wara l-iskola".

34 Issa, mill-elementi ppreżentati mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li Happy Education ma kkonkludietx tali sħubija u ma għandhiex, għaldaqstant, ir-rikonoxximent jew l-awtorizzazzjoni meħtieġa għal dan il-għan mid-dritt Rumen.

35 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, bla ħsara għall-eżami msemmi fil-punt 32 ta' din is-sentenza, tali entità ma tistax titqies li tikkostitwixxi organu rikonoxxut li għandu skopijiet simili għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku għall-edukazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, peress li hija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti għal dan il-għan mill-awtoritajiet nazzjonali, mingħajr ma jkollha impatt fuq din il-klassifikazzjoni l-fatt li hija teżerċita attivitajiet ta' tagħlim ta' interess ġenerali tat-tip "Skola wara l-iskola" jew li tkun kisbet awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, fil-mument tar-reġistrazzjoni tagħha f'dan ir-reġistru, fil-forma tal-għoti tal-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi".

36 Fil-fatt, fir-rigward, b'mod iktar partikolari, ta' din l-awtorizzazzjoni, mill-elementi ppreżentati mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li din għandha bħala skop biss ir-rikonoxximent, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kummerċ nazzjonali, tal-attività tal-kumpannija bħala li taqa' taħt il-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", u għalhekk billi tikkunsidra biss l-iskop kummerċjali leġittimu tal-attivitajiet eżerċitati minn din il-kumpannija minkejja li, kif sostnew il-Gvern Rumen u l-Kummissjoni Ewropea, tali awtorizzazzjoni ma tistax tkun ekwivalenti għar-rikonoxximent ta' kumpannija bħala organu li għandu skopijiet simili għal dawk ta' organu tad-dritt pubbliku ta' edukazzjoni.

37 Fid-dawl ta' dak li jippreċedi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku għall-edukazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, entità privata li teżerċita attivitajiet ta' tagħlim ta' interess ġenerali li jikkonsistu, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet komplementari għall-programm skolastiku, bħalma huma korsijiet ta' sostenn għax-xogħol tad-dar, programmi edukattivi, korsijiet ta' lingwi barranin u li kisbet awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, fil-forma tal-għoti tal-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", fis-sens tal-Klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi nazzjonali, meta din l-impriża ma kinitx tissoddisfa, fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali sabiex tkun tista' tibbenefika minn dan ir-rikonoxximent.

Fuq l-ewwel domanda

38 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda u tal-kundizzjonijiet kumulattivi tal-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, imfakkra fil-punt 29 ta' din is-sentenza, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, A & G Fahrschul-Akademie, C-449/17, EU:C:2019:202, punt 31).

Dwar l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku għall-edukazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, entità privata li teżerċita attivitajiet ta' tagħlim ta' interess ġenerali li jikkonsistu, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet komplementari għall-programm skolastiku, bħalma huma korsijiet ta' sostenn għax-xogħol tad-dar, programmi edukattivi, korsijiet ta' lingwi barranin u li kisbet awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, fil-forma tal-għoti tal-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", fis-sens tal-Klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi nazzjonali, meta din l-impriża ma kinitx tissoddisfa, fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali sabiex tkun tista' tibbenefika minn dan ir-rikonoxximent.

Reġistratur